**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 09/08(21_10_08).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 21 t' Ottubru 2008, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużat kien hemm is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-16 t' Ottubru 2008.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Jum il-Munxar 2008.
6. Attivitajiet tal-Milied 2008.
7. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
8. Rapport tas-Sindku.
9. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
10. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
11. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 27/2008 mingħand is-Sur Natalino Attard, Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward is-'Servizzi Klerikali'.

2.02 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Imħallef Lino Farrugia Sacco, President, Kumitat Olimpiku Malti rigward il-Malta Olympic Committee (MOC) Sports Awards li kull sena jorganizza f' Diċembru.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 28/2008 mingħand is-Sur James Catania, Assistent Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Sistema Ġdida ta' *Customer Care*'.

2.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Patrick Pace / Ms Maria Baldacchino, Organizzaturi ta' l-Attivita', Ministeru għar-Riżorsi u għall-Affarijiet Rurali rigward il-Kampanja 'Clean Up Malta 2008', li ser issir bejn it-23 u l-25 t' Ottubru 2008.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 29/2008 mingħand is-Sur James Catania, Assistent Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Servizz mill-Malta - European Union Steering & Action Committee (MEUSAC) lill-Kunsilli Lokali – EU Contact Persons'.

2.06 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Sur David Soler, Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret fid-19 ta' Settembru 2008, u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 31/2008 mingħand is-Sur Pio Farrugia, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Rapport dwar l-Effiċjenza tal-Kunsilli Lokali'.

2.08 Il-Kunsill irċieva Memo PHD 21/08 mingħand Dr Denis Vella Baldacchino, Direttur, Primary Health Department li hija rigward 'Influenza Vaccine Campaign 2008'.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Onor. Giovanna Debono, Ministru, Ministeru għal Għawdex rigward il-proċess ta' konsultazzjoni pubblika dwar il-Viżjoni Eko-Għawdex.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Edgar Chircop, Business Development Manager, Waste Electrical & Electronic Equipment (WEEE) Recycle, Green Pak rigward 'Waste Packaging'.

2.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Kevin Sciberras, Uffiċjal Inkarigat Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward il-Karnival Reġjonali t' Għawdex 2009.

2.12 Il-Kunsill irċieva ittra u fuljett mingħand Fr Frankie Cini mssp, Direttur, Dar ta' San Ġużepp, Santa Venera rigward ħolma li għandha din id-Dar.

2.13 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Charles J Farrugia, Arkivista Nazzjonali, Arkivji Nazzjonali Malta rigward il-Forum Nazzjonali dwar l-Arkivji. Il-Kunsill ġie mistieden għalih u għal attivitajiet oħra li ser isiru bħala parti mill-Ġimgħa ta' Għarfien dwar l-Arkivji li ser issir bejn it-22 u t-30 t' Ottubru 2008.

2.14 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar li l-MEPA ħarġet rigward sit f' Tal-Ġebel, limiti tal-Munxar minħabba żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti f' bini ta' kmamar.

2.15 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar li l-MEPA ħarġet rigward sit fi Triq San Pawl/Daħlet l-Isdieri, Munxar minħabba żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti fi struttura tal-metal/guva.

2.16 Il-Kunsill irċieva Memo 33/2008 mingħand is-Sur Natalino Attard, Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Avviżi fil-Gazzetta dwar Offerti u Kwotazzjonijiet'.

2.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Noel Formosa, Sindku ta' San Lawrenz u Rappreżentant Reġjonali rigward kors għall-Kunsilliera eletti f' Marzu 2008, li ser isir f' Għawdex.

2.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Matthew Catania, action magazine rigward il-magazin bl-isem ta' action!

2.19 Il-Kunsill irċieva Memo 32/2008 mingħand is-Sur Natalino Attard, Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Faċilita' lill-Kunsilli Lokali li javżaw l-attivitajiet bla ħlas'.

2.20 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Jimmy Magro, Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward l-attivitajiet li ser ikunu organizzati bħala parti mill-15–il Anniversarju tal-Kunsilli Lokali.

2.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Michelle Cassar, Project Officer Euro-Mediterranean Centre of Insular Coastal Dynamics (ICoD), Universita' ta' Malta rigward il-Project MaSpi - Concluding Meeting on Sustainable Management of Beach Resources in Malta and Sicily li ser isir fit-28 t' Ottubru 2008.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn irrefera kopja ta' *survey* li rċieva mingħand resident fix-Xlendi. F' dan is-*survey* qed issir referenza għall-indafa fit-toroq tax-Xlendi.

3.02 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand persuna li qed tokkupa l-*boathouse* fi Triq San Xmun, Xlendi. Din il-persuna infurmat lill-Kunsill li rċeviet ittra mingħand id-Dipartiment ta' l-Artijiet sabiex *boathouse* li qiegħda fi Triq San Xmun titwaqqa' peress li ser titwessa' t-triq. Qed titlob lill-Kunsill jikteb ittra lid-Dipartiment ta' l-Artijiet u lill-Prim Ministru fejn joġġezzjona li dan isir. Ġie deċiż li dan l-ilment jiġi rreferut lid-Dipartiment ta' l-Artijiet.

3.03 Il-Kunsill irċieva ilment bħal dak 3.02 mingħand persuna oħra. Ġie deċiż li dan l-ilment jiġi rreferut lid-Dipartiment ta' l-Artijiet.

3.04 Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat lit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern sabiex parti ta' triq li ser tittieħed għall-proġett ta' *Playing Field* tiġi devoluta lill-Kunsill.

3.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-MEPA dwar l-applikazzjoni PA/02463/08 rigward tpoġġija ta' statwa ta' San Ġużepp minn Triq ix-Xatt għal faċċata tal-*Multi Purpose Hall* fix-Xlendi.

3.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Water Services Corporation fejn ġejna infurmati li l-Kunsill għandu jħallas parti minn kontijiet pendenti li kien hemm qabel ma l-Mitħna għaddiet f' idejn il-Kunsill. Il-Kunsill ma jaqbilx u ser joġġezzjona.

3.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-KIP Għawdex Ltd. fejn qed ifakkru li skart separat jinġabar biss dak li jkun fil-boroż griżi apposta. Huma qed jitolbu lill-Kunsill sabiex navżaw lir-residenti biex joħorġu l-iskart separat fil-boroż griżi biss u kaxxi tal-kartun għandhom jitqattgħu u jippakkjawhom fuq xulxin preferibbilment marbutin flimkien. Il-Kunsill ser jagħmel dan fil-*flyer* li jmiss.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta’ pagamenti numru 09/08(21_10_08).

**5.00 Jum il-Munxar 2008.**

5.01 Din is-sena Jum il-Munxar ser jaħbat il-Ġimgħa, 12 ta’ Diċembru 2008. Ġie deċiż li tittella’ Serata fejn f’ din is-Serata jingħata l-Premju ‘Ġieħ il-Munxar’, premijiet għar-rebbieħa tal-kompetizzjonijiet, għoti ta’ kotba lil-Librerija taċ-Ċentru Parrokkjali u siltiet mużikali mill-Orkestra tal-Iskola tal-Mużika t’ Għawdex.

5.02 Ġie deċiż li l-Kunsill iniedi għat-tieni darba l-Premju ‘Ġieħ il-Munxar’. Il-Kunsill kien ser joħroġ sejħa u ser jintużaw ir-regolamenti tas-sena l-oħra.

5.03 Il-Kunsill kien ser iniedi żewġ kompetizzjonijiet:

Kompetizzjoni ta’ Poeżiji.

Kategorija A – Studenti minn *Year* 4 sa *Form* 1.
Kategorija B – Studenti minn *Form* 2 sa *Form* 5.

Tema: Sena Pawlina.

Il-Poeżija trid tkun miktuba bil-lingwa Maltija.
Din il-Kompetizzjoni hija miftuħa għar-residenti tal-Munxar u Xlendi biss.
Il-Ġurija ser tkun persuna indipendenti mill-Kunsill li ma tkunx mil-lokalita’ tal-Munxar.
Ir-Rebbieħa ser jiġu ppreżentati b’ rigal f’ attivita’ li ser jorganizza l-Kunsill f’ Jum il-Munxar – it-12 ta’ Diċembru 2008. Il-Poeżiji kollha li jieħdu sehem ser jiġu esibiti fil-*Website* tal-Kunsill.
Dawk l-istudenti interessati huma mitluba sabiex jippreżentaw il-Poeżija flimkien ma’ kopja taċ-Ċertifikat tat-Twelid issiġillati f’ *envelope* fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill sa mhux aktar tard mil-Ħamis, 4 ta’ Diċembru 2008.

Kompetizzjoni ta’ Komponimenti.

Kategorija A – Studenti minn *Year* 4 sa *Form* 1.
Kategorija B – Studenti minn *Form* 2 sa *Form* 5.

Tema: ECO-Għawdex.

Il-Komponiment ta’ Kategorija A irid ikun madwar 250 kelma bil-lingwa Maltija.
Il-Komponiment ta’ Kategorija B irid ikun madwar 450 kelma bil-lingwa Maltija.

Din il-Kompetizzjoni hija miftuħa għar-residenti tal-Munxar u Xlendi biss.
Il-Ġurija ser tkun persuna indipendenti mill-Kunsill li ma tkunx mil-lokalita’ tal-Munxar.
Ir-Rebbieħa ser jiġu ppreżentati b’ rigal f’ attivita’ li ser jorganizza l-Kunsill f’ Jum il-Munxar – it-12 ta’ Diċembru 2008. Il-Komponimenti kollha li jieħdu sehem ser jiġu esibiti fil-*Website* tal-Kunsill.
Dawk l-istudenti interessati huma mitluba sabiex jippreżentaw il-Komponiment flimkien ma’ kopja taċ-Ċertifikat tat-Twelid issiġillati f’ *envelope* fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill sa mhux aktar tard mil-Ħamis, 4 ta’ Diċembru 2008.

5.04 Il-Kunsill iddeċieda li jsejjaħ laqgħa dwar Jum il-Munxar fl-ewwel ġimgħa ta’ Novembru 2008.

**6.00 Attivitajiet tal-Milied 2008.**

6.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar jekk għandux iżejjen xi toroq fil-Munxar u fix-Xlendi fil-jiem tal-Milied. Is-Sindku għandu jkellem lill-Għaqda ta' l-Armar sabiex jinfurmaw lill-Kunsill jekk humiex interessati li jarmaw huma. Fil-każ li ma humiex interessati, l-Kunsill joħroġ sejħa pubblika.

**7.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

7.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienu twaħħlu xi tabelli ġodda u ż-żewġ *road humps* twaħħlu wkoll. Ir-*road hump* li kellha ssir fi Triq San Pawl ma hijiex ser issir peress li s-Sindku kien irċieva ilment mingħand residenta fil-viċin.

7.02 Il-Kunsill kien ġabar xi stimi sabiex jinxtara madum jew ċeramika għall-wiċċ il-*Playing Field.*

AF Ellis (Home Decor) Ltd. - Pave Techstone - €28.50 per sq.mt bid-*delivery*.
Hal Mann Ltd. - Miami Cotto Tiles - €6.02 per sq.mt mingħajr *delivery*.
JCR Ltd. - Miami Cotto Tiles - €8.63 per sq.mt mingħajr *delivery*.

Ġie deċiż li l-bankina ssir bil-Cotto Tiles u l-art tal-*Playing Field* issir bil-Pave Techstone.

**8.00 Rapport tas-Sindku.**

8.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Avukat Mario Scerri kien ser jibgħat *draft* tal-ftehim li ser isir bejn il-Kunsill Lokali u l-Parroċċa tal-Munxar sabiex il-*ground* taċ-Ċentru jiġi amministrat mill-Kunsill Lokali.

8.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien attenda għal-laqgħa dwar Eco-Gozo. Il-Ministeru għal Għawdex irid ikun ċert li kull Kunsill jieħu ħsieb li jkun kompatibbli ma' Eco-Gozo. F' din il-laqgħa huwa ġie infurmat li kull Kunsill irid jaħtar Eco Councillor.

8.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien mar mal-Kuntrattur biex jaraw il-bankina tal-Pjazzetta ta' Triq San Xmun iżda peress li hemm diversi diskrepanzi fil-livelli ma huwiex teknikament possibbli li l-bankina ssir.

8.04 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet saret laqgħa mar-Rappreżentant tal-Gabillott peress li dan qed jgħid li parti tat-triq suppost li għaddiet għandu. Issa l-Kunsill talab li din it-triq tiġi devoluta.

**9.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li peress li l-*metre* ta' l-ilma tal-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi kien ġie installat ġo kaxxa fit-triq prinċipali, dan insteraq u meta l-Kunsill reġa' applika għal ieħor, l-Inġinier Camilleri tal-Water Services Corporation qed jirrifjuta li jinstalla l-*metre* ġewwa l-Mitħna allavolja l-Kunsill kien diġa' ħaseb biex jgħaddi katusa minn taħt l-art viċin dik tad-dawl sabiex jgħaddi minnha. Is-Segretarju Eżekuttiv qed jissuġġerixxi li tinkiteb ittra liċ-*Chairman* tal-Korporazzjoni ta' l-Ilma u kkopjata lis-Segretarju Parlamentari, Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, Dr. Chris Said.
Is-Sindku qal li ma jsibx oġġezzjoni li din l-ittra tinkiteb pero' peress li huwa kien diġa' kellem lill-Inġinier Camilleri għandna nistennew għar-risposta mingħandu.

**10.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

10.01 Is-Sinjura Carmen Said ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li parti minn Triq ix-Xlendi, eżattament fejn il-Wied tax-Xlendi, qed iżomm ħafna ilma bil-konsegwenza li meta tagħmel ix-xita n-nies ma jkunux jistgħu jimxu mit-triq. Hija qed tissuġġerixxi li jsiru xi ċangaturi mal-ħajt sabiex in-nies ikunu jistgħu jgħaddu minn fuqhom. Is-Sindku kien ser ikellem lid-Diviżjoni tax-Xogħlijiet t' Għawdex.

10.02 Is-Sur Saviour Spiteri staqsa lill-Kunsill jekk tistax issir ġebla quddiem residenza fi Triq San Xmun peress li din għandha l-għatba għolja. Huwa ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-*corner mirror* fi Triq Dun Spir Gauci għandha bżonn li tiġi mdawwra kif suppost. Huwa kien talab ukoll sabiex jittranġaw l-ewwel żewġ tarġiet tat-taraġ ta' Triq San Xmun. Is-Sindku informa lis-Sur Spiteri li ġebel ma jistgħux isiru quddiem l-għetiebi tad-djar. Dwar iż-żewġ tarġiet, huwa kien ser jgħid lill-Beach Cleaners.

**11.00 Materji oħra.**

11.01 Is-Sindku semma li fil-Pjazza tal-Knisja hemm xi residenti li ma humiex iħallu l-boroż taż-żibel quddiem id-dar tagħhom. Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill jibgħat ittra. Ġie deċiż li l-Kunsill jagħmel avviż fil-fuljett li jibgħat fid-djar.

11.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li persuna minn Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina talbet lill-Kunsill sabiex ineħħi l-arbli tal-bnadar jew jibdilhom għal arbli ta' l-injam peress li xi jiem ilu ħabtet sajjetta ma' arblu u għamlet xi ħsarat fl-apparat tad-djar. Il-Kunsill ma qabilx ma' din it-talba.

11.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li sid ta' appartament fi Triq il-Kavallieri qed jitlob sabiex il-Kunsill jagħmel arblu bil-ganċijiet sabiex ikun jista' jdendel iż-żibel minħabba li l-klieb qed iġorru l-boroż taż-żibel għal ġo l-għelieqi. Il-Kunsill ma jaqbilx ma' din it-talba.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 25 ta' Novembru 2008, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***